MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 204/2000/1

**Emanuel BARTOLO**

vs

**Victor MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Frar, 2000, li bih l-attur ippremetta;

Illi l-attur huwa komproprjetarju f'isħma ta' nofs indiviż ma' mart il-konvenut tal-fond 17a, Market Mews, Londra;

Illi l-konvenut kien informa lill-attur illi fuq ordni tal-Kunsill ta' Westminster, kellhom isiru xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq il-faċċata tal-imsemmi fond;
Illi l-konvenut talab lill-attur biex iħallsu s-somma ta' tliet elef, erba' mija u ħamsin Lira Sterlina (Lstg 3,450)

rappreżentanti, allegatament, is-sehem suppost dovut mill-attur versu l-imsemmija xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq l-imsemmi fond;

Illi effettivament l-attur ħallas lill-konvenut l-imsemmija somma ta' tliet elef, erba' mija u ħamsin Lira Sterlina (Lstg 3,450) mitluba mill-konvenut;

Illi dawn ix-xogħolijiet ġew eżegwiti mill-kuntrattur inkarigat mill-konvenut, Frank Cutajar, li rċieva l-ħlas għal xogħlu mingħand il-konvenut;

Illi sussegwentement irriżulta illi x-xogħolijiet eżegwiti mill-imsemmi kuntrattur Frank Cutajar ġew eżegwiti fuq il-faċċata tal-fond kontiġwu, u ċioe' l-fond 16a, Market Mews, Londra, u mhux fuq il-fond 17a li tiegħu l-attur huwa komproprjetarju;

Illi effettivament kien il-fond proprjeta' tal-konvenut, bin-numru 16a, li kien fi stat ħażin ta' riparazzjonijiet, u kien biss fil-konfront ta' dan il-fond, u mhux ukoll tal-fond li tiegħu l-attur huwa komproprjetarju, illi kien inħareġ ordni mill-Kunsill ta' Westminster sabiex isiru x-xogħolijiet riparatorji meħtieġa;

Illi fuq il-faċċata tal-fond 17a, li tiegħu l-attur huwa komproprjetarju, sar biss xogħol ħafif ta' żebgħa li l-prezz tiegħu jammonta biss għal erba' mitt Lira Sterlina (Lstg 400), u dan kif konfermat mill-istess kuntrattur Frank Cutajar;

Illi in realta' dan ix-xogħol fuq il-faċċata tal-fond 17a ma kienx meħtieġ u neċessarju;

Illi għaldaqstant il-konvenut permezz ta' mezzi qarrieqa u ta' ingann iffroda lill-attur l-imsemmija somma ta' tliet elef, erba' mija u ħamsin Lira Sterlina (Lstg 3,450), kif fuq spjegat;

Illi l-attur interpella lill-konvenut għall-ħlas tal-imsemmija somma ta' tliet elef, erba' mija u u ħamsin Lira Sterlina (Lstg 3,450), li minnhom l-istess attur wera' ruħu dispost li

jnaqqas is-somma ta' mitejn Lira Sterlina (Lstg 200) (u ċioe' sehmu mill-ispejjeż tat-tibjid u manutenzjoni tal-fond 17a) permezz ta' ittra uffiċjali datata l-25 ta' Jannar, 2000 iżda l-konvenut baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi b'mezzi qarrieqa u ta' ingann il-konvenut iffroda lill-attur is-somma ta' tliet elef, mitejn u ħamsin Lira Sterlina (Lstg 3,250), kif fuq spjegat;

2. Tiddikjara illi l-konvenut għandu jirrestitwixxi lill-attur is-somma li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti għal tliet elef, mitejn u ħamsin Lira Sterlina (Lstg 3,250); u

3. Tikkundanna illi l-konvenut biex jirrestitwixxi lill-attur is-somma li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti għal tliet elef, mitejn u ħamsin Lira Sterlina (Lstg 3,250).

Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut min issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fit-28 ta' Frar, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. Illi fl-ewwel lok, l-attur m'għandux locus standi f'din il-kawża stante li l-attur mhux proprjetarju tal-fond in kwistjoni.

2. Illi l-eċċipjenti dwar il-fond in kwistjoni dejjem għamel u fil-fatt għamel dak kollu li kien miftiehem ma' terzi dwar il-manutenzjoni tal-istess fondi.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit u *viva voce* u kif ukoll il-provi dokumentali;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Frar, 2002[1], li bih u fuq talba tal-imħarrek f'rikors tiegħu tas-7 ta' Jannar, 2002, ħallietu jressaq ix-xhieda ta' Graeme Courtenay Weekes;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-3 ta' Settembru, 2003[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-6 ta' ottubru, 2003[3], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat id-Degrieti tagħha tat-8 t'Ottubru, 2003, tal-5 ta' Frar, 2004, tas-7 ta' Mejju, 2004 u tat-8 ta' Lulju, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għar-radd lura somma flus mgħoddija indebitament. L-attur, li kellu interessi f'bini f'Londra, jgħid li l-imħarrek – li kellu interessi f'post ieħor imiss miegħu – kien talbu jħallas sehemu minn spejjeż għal tiswijiet li saru fuq ordni tal-Kunsill Muniċipali ta' Westminster. L-attur jgħid li, wara xi żmien, kellu jsir jaf li l-ispejjeż intefqu fil-post tal-imħarrek u mhux f'dak li kellu interessi fih hu. Għalhekk, talab lill-Qorti biex tikkundanna lill-imħarrek irodd lura l-flus li huwa ħadlu mingħajr raġuni tajba;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li l-attur ma kellu l-ebda interess fil-kawża għaliex ma hux sid il-post in kwestjoni. Żied jgħid li huwa dejjem għamel dak kollu miftiehem ma' terzi dwar il-manutenzjoni tal-istess post;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-attur kellu interessi f'post bin-numru sbatax ittra "A" (17A), Market

[1] Paġ. 66 tal-proċess
[2] Paġġ. 125-8 tal-proċess
[3] Paġġ. 129-131 tal-proċess

Mews, Londra, li kien reġistrat fuq isem mart l-imħarrek Ellen Carroll Micallef. L-imħarrek huwa s-sid reġistrat tal-post ta' ħdejh bin-numru sitta ittra "A" (16A), li jiġi fuq in-naħa tal-lemin tal-post l-ieħor meta wieħed iħares lejh mill-faċċata. Żewġ bibien ta' remissa jidher li jifirdu il-bibien taż-żewġ postijiet[4]. Bejn mart l-imħarrek u l-attur kienet saret kitba biex tgħid li d-dħul mit-tmexxija tal-imsemmi post 17A kien jinqasam indaqs bejniethom[5]. Fl-1996[6], Carroll welliet il-liċenza tal-post lil ċerti Martin Duca u Andrew Rodgers, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija u għal żmien sena. Matul iż-żmien li l-post kien miżmum minnhom, Duca u Rodgers nefqu spejjeż biex saru xogħlijiet ta' tiswija u titjib fih u wkoll mal-faċċata tiegħu[7]. Huma telqu l-post għall-ħabta ta' April tal-1997;

Illi matul Awissu tal-1997 il-Kunsill Muniċipali ta' Westminster ordna li jsiru xogħlijiet ta' tiswija u ta' ridekorazzjoni fil-post numru 17[8]. Frank Cutajar, li kien qiegħed jamministra l-postijet imsemmija f'dak iż-żmien, kien ħa ħsieb iqabbad nies biex jagħmlu x-xogħlijet ordnati. Kif kien għaddej ix-xogħol fil-post bin-numru 16A, kienet ittieħdet deċiżjoni li tinżebagħ ukoll il-faċċata tal-post 17A biex ikunu skema ta' lewn wieħed;

Illi n-nefqa tax-xogħlijiet fil-post 16A kienet telgħet għal qrib is-sebat elef lira sterlina (Stg 7,000), filwaqt li x-xogħol ta' żebgħa fil-faċċata tal-post 17A qarrbet l-erba' mitt lira sterlina (Stg 400)[9]. L-spejjeż għax-xogħlijiet li saru tħallsu mill-kerjiet li kienu daħlu mill-użu taż-żewġ postijiet[10];

Illi jidher xieraq li jiġi ċċarat punt ta' fatt li jidher li qiegħed joħloq ekwivoku bejn il-partijiet. Dan jittratta dwar l-indirizz tajjeb tal-post li jmiss ma' dak li fih l-attur kellu interess. Dan jingħad għaliex filwaqt li l-imħarrek jemmen li l-post tiegħu bin-numru 16A jinsab f'Market Mews li

[4] Dokti "VM1", "VM7" u "GCW2", f'paġġ. 38 u 103 tal-proċess
[5] Dokument f'paġ. 29 tal-proċess
[6] Dok "MD1", f'paġġ. 18 sa 20 tal-proċess
[7] Affidavit ta' Martin Duca 18.9.2000, f'paġġ. 15-15 *tergo* tal-proċess
[8] Dok "GCW1", f'paġ. 87 tal-proċess
[9] Affidavit Frank Cutajar 18.2.2000, f'paġ. 27 tal-proċess
[10] Affidavit tal-imħarrek 25.5.2001, f'paġ. 35 tal-proċess

huwa jgħid li wkoll tissejjaħ Stanhope Row[11], l-attur (x'aktarx minn dak li jixhed il-prokuratur legali Ingliż Graeme Weekes) jisħaq li l-post numru 16, Stanhope Row jiġi n-naħa ta' wara tal-post 16A, Market Mews. Minn eżami bir-reqqa tal-provi dokumentali[12], u kif ukoll minn tiftix li għamlet f'pubblikazzjoni li wieħed jista' joqgħod fuqha[13], il-Qorti ssib li Market Mews u Stanhope Row huma żewġ mogħdijiet separati li qegħdin dahar ma' dahar u li jagħtu t-tnejn fuq triq komuni li ġġib l-isem ta' Hertford Street. Dan ifisser għalhekk li 16, Stanhope Row ma jagħtix fuq l-istess trejqa li jagħti l-post 17A, Market Mews, li fih kellu interess l-attur, u ma jistax ikun li jaqsmu l-istess faċċata mat-triq;

Illi f'dan ir-rigward, diffikulta' oħra nħolqot bin-numri tal-bibien. L-ittra oriġinali mibgħuta mill-Kunsill Muniċipali ta' Westminster kienet tirreferi għall-post numru 17. Mit-tweġibiet magħmula mil-*litigation clerk* Weekes[14] joħroġ ċar li l-post numru 17A huwa l-post sovrappost għat-terran (b'bieb ta' remissa) li jiġi fuq in-naħa tal-lemin tal-post li kellu interess fih l-attur. Jirriżulta wkoll li dak li l-Kunsill Muniċipali irrefera għalih oriġinarjament bħala n-numru 17 kien, fil-fatt riferenza għall-post numru 16A;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jikkaratterizżaw il-każ li għandha quddiemha. Jibda biex jingħad li l-attur qiegħed jeżerċita l-azzjoni sussidjarja magħrufa bħala l-*actio de in rem verso*, li hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*[15]. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[16] jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[17]. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-

[11] Nota ta' Sottomissjonijiet, par 2, f'paġ. 129 tal-proċess
[12] Dokti. "GCW12", u "GCW4", f'paġġ. 98 u 118 tal-proċess
[13] AtoZ Information – London Guide , mappa numru 48 B1
[14] Affidavit tiegħu 6.6.2002, f'paġ 108 *tergo* tal-proċess
[15] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)
[16] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[17] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)

debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[18];

Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[19]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[20]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mit-terz[21], u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[22]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[23], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[24];

Illi ingħad ukoll[25] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita'[26] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet[27]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz[28];

Illi l-fatt li l-ġid li fih il-parti attriċi għamlet l-ispejjeż ma kienx tagħha ma jagħmilx differenza għas-suċċess tagħha

---

[18] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***

[19] *Dig. "De Jure Dotium"*, fr.6 *"Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum*"

[20] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)

[21] App. Ċiv. **26.1.1901** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Watson*** (Kollez. Vol: **XVIII.i.26**)

[22] Pescatore – Ruperto *Codice Civile Annotato* (7ª Ediz. 1978) par 2041, paġ. 2008

[23] Art. 1012 tal-Kap 16

[24] Art. 1019 tal-Kap 16

[25] Ara, per eżempju, Torrente *Manuale di Diritto Privato* (9ª Edit., 1975) par 387, paġ. 634

[26] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)

[27] Amos & Walton's *Introduction to French Law* (3rd Edit.) , paġ. 197

[28] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet P***arnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**) u li kienet tirrigwarda spejjeż minfuqin minn iben biex itejjeb id-dar ta' missieru li kien interdett u li, għalhekk, ma setax jagħti l-kunsens tiegħu biex isiru dawk ix-xogħljiet

li tiġbor lura dak li setgħet nefqet indebitament[29], jekk dan ikun il-każ. Dan għaliex il-benefiċċju sussidjarju tal-azzjoni tal-arrikkiment indebitu jiġbor fih kull vantaġġ li persuna tikseb mill-fatt ta' ħaddieħor, ukoll jekk mingħajr titolu ġuridiku, jew b'titolu difettuż, jew saħansitra b'titolu li ma jiswiex[30];

Illi meta wieħed jifli x-xhieda mressqa, joħroġ ċar li ż-żewġ naħat itennu qagħdiet li ma jaqblu xejn ma' ta' xulxin. Dan l-istat ta' fatt jinsab rilevat ukoll fin-Noti ta' Osservazzjonijiet tagħhom. Fid-dawl ta' din ir-rejalta' (li, fis-sewwa, toħroġ tista' tgħid f'kull kawża missielta, fi grad jew f'ieħor) il-Qorti trid tislet il-konvinċiment tagħha fl-ewwel lok minn provi fattwali mhux kontestati, u mbagħad tgħaddi biex tapplikahom mal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet biex b'hekk jitkejjel liema minnhom l-iżjed li tqarrab għas-sewwa;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta dokumentat u pruvat kif imiss li l-attur ħareġ xi spejjeż biex saru xi xogħlijiet fi proprjeta' li kellu interess fiha. Jirriżulta wkoll fiex kien jikkonsisti tali interess. Għalkemm l-imħarrek jgħid li kien iben l-attur li kellu ftehim mas-sid reġistrat tal-post (jiġifieri mart l-istess imħarrek), ma nġabet l-ebda prova ta' dan. Għall-kuntrarju, il-kitba li saret bejn mart l-imħarrek u l-attur ma ġiet bl-ebda mod kontestata. Jirriżulta wkoll li l-attur ħallas sehemu mill-ispejjeż li saru mhux billi bagħat flus lill-imħarrek, imma billi mid-dħul tal-kera tal-post (u għalhekk mis-sehem li kellu jieħu l-attur), mart l-imħarrek ħallset lill-*manager* tal-postijiet Frank Cutajar wara li bagħat l-irċevuti tal-ħlasijiet li huwa kien għamel lill-ħaddiema li qabbad[31];

Illi l-attur ma seħħlux iressaq dokumenti biex ifisser kif intefqu l-ispejjeż li għalihom ħallas il-*manager* Frank Cutajar, jew biex juru kemm intefqu spejjeż dwar kull wieħed miż-żewġ postijiet. Huwa straħ biss fuq dak li qallu l-istess Cutajar. Cutajar innifsu jfisser kif kienet l-ispiża u jgħid ukoll li l-irċevuti bagħthom lill-imħarrek. L-

---

[29] P.A. NC **21.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Guzman vs Anthony Aġius et***
[30] App. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Victor Balzan et***
[31] Xhieda tal-imħarrek in kontro-eżami 13.10.2001, f'paġġ. 48 u 51 tal-proċess

imħarrek jikkonferma dan u jidher li Cutajar ukoll kien igawdi l-fiduċja tal-imħarrek u martu u kien ilu fdat bit-tmexxija taż-żewġ postijiet għal numru ta' snin;

Illi f'dan l-istadju l-kwestjoni tal-likwidazzjoni tal-ammont dovut bħala rifużjoni f'azzjoni ta' din ix-xorta jeħtieġ li tiġi mistħarrġa wkoll. Hemm ħsibijiet li ma jaqblux ma' xulxin dwar iż-żmien li għandu jitqies għall-finijiet tal-indenniżż. Għal uħud, l-ammont li għandu jitħallas lura jitqies b'rabta mal-arrikkiment li jkun seħħ fil-bidu, filwaqt li għal uħud oħrajn wieħed għandu jqis il-waqt li tkun saret it-talba ġudizzjarja jew il-waqt li tkun ingħatat is-sentenza. Kemm hu hekk, ġie mfisser[32] li fl-azzjoni dwar arrikkiment mhux mistħoqq "the amount recoverable is limited on the one hand by the value of the enrichment. More than this the *solvens* cannot recover and the value is assessed not, as in *gestion d'affaires*, at the time of the intervention, but at the date of the action. If at that date the value of the benefit has disappeared, the action will fail. The amount recoverable is limited on the other hand by the amount of the *solvens'* own expenditure: it is immaterial that at the time of the action the value of the benefit enjoyed is considerably higher";

Illi jidher li l-Qrati tagħna laqgħu l-applikazzjoni tal-kriterju li l-kumpens għandu jkun il-konkorrenza tal-vantaġġ miksub mix-xogħlijiet magħmulin u mhux biss għall-ispiża minfuqa biex twettqu dawk ix-xogħlijiet[33]. Dan l-aħħar il-Qrati tagħna jidher li wessgħu il-medda tal-applikazzjoni tal-kumpens biex "ikun magħmul jiddependi wkoll minn fatti sopravvenuti li kapaċi jawmentaw, jew inaqqsu, l-arrikkiment. Rilevanti bħala elementi ta' konsiderazzjoni għall-valutazzjoni aktar konsona u ġusta jitqiesu l-bwona jew mala fede tal-persuna vantaġġjata u arrikkita"[34]. Din il-Qorti, fuq is-saħħa ta' diversi kittieba li qrat dwar is-suġġett, tasal biex tilqa' din ix-xejra ta' ħsieb;

Illi, fil-każ preżenti l-attur jixli lill-imħarrek b'qerq. Huwa jibni l-każ tiegħu fuq ix-xhieda ta' Frank Cutajar li jgħid li l-

[32] Amos & Walton, *op. cit.* , paġ. 199
[33] P.A. **16.6.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Said et vs Testaferrata Boniċi Ghaxaq et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1105**, a fol. 1108)
[34] Ara P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Doris Ellul et vs Francis Camilleri***

imħarrek "ordnalu" jitfa' l-kontijiet tax-xogħol kollu li sar fiż-żewġ postijiet fuq il-post numru 17A. Cutajar jixhed li ġibed l-attenzjoni tal-imħarrek li l-ordni tal-Council kienet tirrigwarda l-post numru 16A, iżda l-imħarrek ried li jsir kif ordnalu. Huwa xieraq li jitfakkar li, waqt li kien qiegħed isir dan kollu, l-attur kien miżmum fl-għama u, mid-dehra, li kieku ma kienx għal dak li xehed Cutajar, ma kien isir jaf qatt x'seħħ tassew. Minkejja li mart l-imħarrek kellha l-ftehim mal-attur dwar qsim mid-dħul tal-post numru 17A, lanqas din ma għarrfet lill-attur x'kien qiegħed jiġri. F'dak iż-żmien, l-attur kien afda fl-imħarrek li miegħu kien ħabib u kien ilhom fin-negozju għal għadd kbir ta' snin[35];

Illi l-imħarrek jiċħad li ta dik l-ordni lil Cutajar, imma fil-qofol jikkonferma li l-ammont ta' spejjeż fil-post numru 17A kien jisboq l-erba' mitt lira sterlina li Cutajar jgħid li ntefqu. Minbarra dan, kif rajna, l-imħarrek jikkonferma li dak l-ammont inħareġ mill-kerjiet li martu kienet daħħlet mill-post numru 17A wkoll. Fid-dawl ta' dawn il-fatti ċari, l-Qorti tasal biex issib li l-imħarrek aġixxa b'mala fidi fil-konfront tal-attur. Il-Qorti ssib ukoll li l-vantaġġ li tnissel bix-xogħlijiet magħmula jew mill-ispejjeż imħallsa għadu jeżisti u l-ġid tal-imħarrek qiegħed igawdi benefiċċju attwali u dirett minnu. Jidher li l-attur ikun soddisfatt bil-ħlas lura tal-ispejjeż li ntefqu, u huwa ma' dan l-ammont li l-Qorti sejra timxi, safejn jinsab ippruvat kif għandu jkun;

Illi, fl-aħħarnett, l-attur qiegħed jippretendi li jitħallas ukoll l-imgħaxijiet fuq is-somma li jrid tintraddlu lura. Dwar dan, huwa mgħallem li "*il credito per l'indennizzo da arricchimento senza causa non produce interessi che dalla domanda, sorgendo il dovere giuridico di indennizzo solo quando il titolare dell'azione di arricchimento faccia valere la sua pretesa*"[36]. B'żieda ma' dan u b'ħarsien tal-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*, ma ntweriex li l-kreditu pretiż kien mgħarraf lill-imħarrek qabel ma nbdiet il-kawża. Huwa minnu li l-attur qiegħed jitlob li tintraddlu somma speċifika, imma jekk it-talba tiegħu tintlaqa' (kif sejra, b'xi tnaqqis, tintlaqa') l-imgħax li jista' jkun dovut għandu jibda

[35] Kontro-eżami tal-attur 25.2.2002, f'paġ. 77 tal-proċess
[36] Ruperto – Pescatore *op. cit.*, paġ. 2010 (fejn jiċċitaw sentenza tal-Corte di Cassazione tas-17.12.1969)

jgħodd minn dak inhar li l-imħarrek laqa’ għandu l-atti tal-kawża;

Illi għalkemm l-attur qiegħed jitlob somma speċifika, jidher li naqas li jieħu qies ta’ fatt li huwa nnifsu jaċċetta, u jiġifieri li fil-faċċata tal-bini li huwa kellu interess fih sar ukoll xogħol ta’ titjib billi nżebgħet il-faċċata. Dan ix-xogħol kollu issemma li jitla’ għal erba’ mitt lira sterlina u fil-fatt intefaq għax-xogħol li sar. Dan ifisser li l-attur, skond il-ftehim li kellu ma’ mart l-imħarrek[37], irid jerfa’ nofs dak l-infieq. Huwa minnu li l-attur jgħid li dak ix-xogħol ma kienx meħtieġ u jressaq ix-xhieda ta’ Martin Duca biex jgħid li l-bini kien inżebagħ ftit xhur qabel. Imma l-kwestjoni ewlenija li fuqha tinbena l-azzjoni attriċi tqis biss fejn seta’ stagħna l-imħarrek b’detriment għall-attur: ix-xogħol li sar fil-faċċata tal-bini numru 17A – kien jew ma kienx meħtieġ – ma kien ta’ l-ebda benefiċċju għall-imħarrek, u għalhekk dak l-ammont ma jistax jitgħabba bih hu (jekk xejn, kien responsabbilta’ fuq il-mara tiegħu, imma din m’hijiex parti fil-kawża, u l-imħarrek ma jweġibx għaliha);

Illi, marbuta sfiq ma’ dan il-punt hemm il-kwestjoni jekk man-nefqa tax-xogħol ta’ żebgħa, għandhiex tiżdied ukoll l-ispiża biex mal-faċċata tal-post intrama l-pont (*scaffolding*) biex miegħu l-ħaddiema setgħu jixxabtu ħalli jsir dak ix-xogħol. Uħud mir-ritratti mressqin mill-imħarrek u mix-xhud Weekes ma jħallu l-ebda dubju li, meta ntramma l-pont, dan intrama wkoll quddiem il-post numru 17A. Intuża tabilfors biex inżebgħet il-faċċata tal-post li kellu interessi fih l-attur. Dwar kemm sewa l-armar biex intrama matul iż-żmien li kien għaddej ix-xogħol fuq iż-żewġ postijiet, ma tressqet l-ebda prova la mill-attur u lanqas mill-imħarrek. Jingħata ħjiel ta’ kemm sata’ jiswa tali pont għaż-żmien li kellhom idumu għaddejjin ix-xogħlijiet biss mix-xhieda tal-iskrivan Weekes (xhud tal-imħarrek) meta jsemmi li ngħata stimi li jvarjaw minn disa’ mitt lira Sterlina sa elf u ħames mitt lira Sterlina. Il-Qorti sejra tqis li dawk il-parametri jkunu tajbin biex minnhom titqies kemm kienet in-nefqa għall-armar fix-xogħol li sar.

[37] Klawsola 3 tad-‘*deed of trust*’, f’paġ. 29 tal-proċess

Il-Qorti sejra tqis il-prezz bħala elf u mitejn lira Sterlina (Stg 1200);

Illi sehem l-attur min-nefqa għall-armar tal-pont hija ta' nofs in-nofs, ladarba huwa kellu interess biss ta' nofs fil-post numru 17A.  Għalhekk, ikun xieraq li l-attur iġorr kwart ($^{1}/_{4}$) u jiġifieri tlitt mitt lira Sterlina (Stg 300);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek uża meżżi biex qarraq bl-attur biex webblu jgħaddilu somma flus meta ma kinitx dovuta;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek għandu jrodd lura s-somma hekk meħuda bi ħsara tal-attur, liema somma qegħda tiġi likwidata[38] fl-ekwivalenti f'denominazzjoni f'Liri Maltin ta' elfejn seba' mija u ħamsin lira sterlina (Stg 2,750) bir-rata tal-lum[39];

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata lilu mħallsa indebitament, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'effett mid-9 ta' Frar, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

Tikkundanna lill-**imħarrek iħallas l-ispejjeż** tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

[38] Stg 3250 – (Stg 200 + Stg 300) = Stg 2750
[39] Il-*middle exchange rate* applikabbli għal-lum kif imħabbra mill-Bank Ċentrali ta' Malta hija ta' Stg 1.6137 għal kull Lira Maltija

---------------------------------TMIEM---------------------------------